**318. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KONĊESSJONI TA' SITI U FAĊILITAJIET F'ĦAS-SAPTAN, CORRADINO, U POSTIJIET OĦRA LIL SAN LUCIAN OIL COMPANY LTD.

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti l-użu lil San Lucian Oil Company Limited tas-siti u faċilitajiet deskritti f'abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kumpens u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-siti u faċilitajiet deskritti fil-abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mogħtija lil San Lucian Oil Company Limited għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

09.04.1981